**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
**24 ta' Marzu 2024**

# QED NOQORBU

F'Ħadd il-Palm fid-9:30am se nimxu f'purċissjoni mill-knisja tal-Qalb ta' Ġesù għall-knisja parrokkjali. Se nibdew il-ġimgħa għażiża li twassal għall-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù.



Huwa importanti li f'dan il-jum ta' Ħadd il-Palm niltaqgħu fil-knisja. Naraw kif "Ġesù li hu l-imħabba ta' Alla, imut tassew u allura l-bniedem issa huwa ċert li l-imħabba ta' Alla takkumpanjah anke fil-mewt. Alla jħobb lill-bniedem sal-punt li jieħu fuqu l-mewt mal-bnedmin u għall-bnedmin". Dan huwa kliem Dietrich Bonhoeffer li nqatel min-Nazisti f'xi l-1943.
Forsi xi ħadd li qed jaqra ftit jimpurtah li jkun ma' Kristu f'dawn il-jiem. U hawn jinsab il-kobor tal-ġrajja tal-Ġimgħa Mqaddsa: Kristu Ġesù, kollu tjieba, irid ikun mal-umanità minkejja li din ma tagħrfux!

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## Outreach tar-Randan fin-Nadur

Kif kien sar is-sena l-oħra, fid-Djoċesi t'Għawdex qed jerġa' jsir l-outreach fil-bars u każini tal-irħula bħala parti mill-pjan pastorali ta' din is-sena wkoll. Ser nagħtukom xi dati li ser isiru fir-raħal tagħna. Tkun ħaġa sabiħa jekk wieħed ikun jista' jattendi. Id-Djoċesi ħejjiet tifkira għal min ser ikun preżenti.

**Nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu:**
Każin tal-Banda - Quddiesa fis-7:00pm

**Nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu:**
T'Andrija - Quddiesa fil-11:00am

## Avviżi:

**WERAQ GĦAL MAL-FJURI:** nitolbukom sabiex minn nhar it-Tnejn li ġej, 25 ta' Marzu, iġġibu weraq aħdar fil-knisja, biex dan jintuża mal-fjuri li jsiru mal-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-weraq jista' jitħalla fis-sagristija tat-Tramuntana. Min jista' jġib il-weraq f'kontejner bi ftit ilma, wisq aħjar. Nirringrazzjaw lil kulħadd.

**LAQGĦA GĦAR-ROMOL:** irġiel u nisa, nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu fis-5:45pm. Tkun fil-Mużew il-qadim tal-Bniet, Triq Rakela Camilleri. Imexxi Dun Ġużepp Attard. Min għandu bżonn it-trasport ikellem lil Dun Ġużepp, lil Tonina Sammut jew lil Rita Said.

**IL-MIXJA TAT-TBATIJA:** Via Sagra organizzata mill-adolexxenti u żgħażagħ taċ-Ċentru, nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu fit-8:00pm fil-knisja.

**IL-QUDDIESA TAŻ-ŻJUT:** din issir fil-Katidral nhar Ħamis ix-Xirka, 28 ta' Marzu. Tibda fid-9:00am.

**ĦARĠA GĦALL-ANZJANI:** mill-Kunsill Lokali Nadur, nhar il-Ħamis 18 t'April. Tibda b'quddiesa fl-4:00 fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Wara jkun hemm trasport għall-ikla u tombla. Aktar informazzjoni mill-uffiċċju tal-Kunsill.

**SERVIZZ TA' QRAR U ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI**
F'dawn il-ġranet li ġejjin se jkollna dawn is-servizzi tal-qrar:
**Il-Ħadd 24 ta' Marzu** mill-4:30pm sas-6:30pm
**It-Tlieta 26 ta' Marzu** mit-8:00pm (waqt il-Via Sagra taż-Żgħażagħ)
**L-Erbgħa 27 ta' Marzu** mis-6:00am sad-9:30am; fil-5:30pm. Fis-6:30pm ikollna **ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI**. Nagħmlu eżami tal-kuxjenza flimkien u mbagħad ikun hemm bosta saċerdoti jqarru. Nispiċċaw fis-7:30pm. IL-QUDDIESA TAS-6:30pm ma ssirx.
**Il-Ġimgħa l-Kbira, 29 ta' Marzu:** 5:30pm qrar



## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am